SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 17/K6/09 (tkomplija)

**Nru tal-laqgha minn 07/04/'94 – 05/05/'09** **246**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 05/05/'09** **300**

**1. Introduzzjoni**

1.01 Minuti tal-Laqgha li saret nhar it-Tlieta 5 ta' Mejju 2009.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv, Triq Forrest, San Giljan, fis-2.00 p.m.

1.03 Prezenti: Sitt membri tal-Kunsill, flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Helen Walker u l-iskrivana Roberta Sammut.

1.04 Assenti: Il-Kunsillier Karl Gouder.

1.05 Kien hemm prezenti l-Perit Stephen Farrugia MP&DC.

1.06 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgha.

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-Talba.

**1.2. Agenda**

1.2.01 Il-Kunsill kompla fuq l-avviz li gie ppublikat fl-24 ta' April 2009. L-Agenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Revizjoni tal-Budget

4. Rapport Finanzjarju sal-31.03.09
5. Financial Statements
6. Progetti
7. Approvazzjoni ghall-pagamenti tal-kontijiet
8. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

## 2 Korrispondenza

Rif. Nru. 1150

2.01 B'riferenza ghall-ittra minghand il-Kazin tal-Banda San Giljan gie deciz unanimament illi peress illi l-attivita' saret b'kollaborazzjoni mal-Kunsill jinghataw l-ammont ta' €233 biex ikopru parti mill-ispejjez.

Rif. Nru. 1217

2.02 B'riferenza ghall-ittra minghand is-Socjeta' Maltija ta' l-Ortikultura rigward *The Great Spring Show* il-Kunsill gie nfurmat li ghal darb'ohra din is-sena l-Kunsill ser jippartecipa f'din il-wirja.

2.03 Il-Kunsillier Richard Scicluna wasal fis-2.20pm.

Rif Nru. 1610

2.04 B'riferenza ghall-ittra minghand l-OASI Foundation gie deciz unanimament li jinghataw donazzjoni ta' €116.50.

Rif. Nru 1727&1764

2.05 B'riferenza ghall Memos 25/2009 u 25A/2009 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali rigward **Fondi Specjali ghal-Lokalitajiet bi bzonnijiet specjali** gie deciz unanimament illi ssir talba sabiex il-Kunsill jinghata fondi specjali biex:-

- Isiru *extra cleaning services* f'Paceville minhabba l-influss tan-nies li jiffrekwentaw il-lokalita' specjalment fix-xhur tas-sajf. Dan sabiex jibdew isiru zewg gabriet ta' l-iskart kuljum u l-hasil ta' l-art;
- Jigu restawrati ic-cnut u toroq tal-Housing Estate ta' Ta' Giorni minhabba li mhux qeghdin fi stat tajjeb;

- Jigu rrangati Triq il-Klarissi u Triq Sir Joseph Carbone;

- Paceville jsir aktar accessibbli ghal persuni b'dizabilita'. Il-Kunsillier Richard Scicluna ghandu jipprovdi aktar informazzjoni biex issir din ir-rakkomandazzjoni.

Rif. Nru. 1819

2.06 B'riferenza ghall-ittra minghand l-Ghaqda Piroteknika San Giljan rigward tournament tal-futbal fil-grawnd ta' Ta' Giorni, b'rizq il-festa ta' San Giljan, ingibdet l-attenzjoni li din l-ittra mhiex iffirmata. Madankollu gie deciz unanimament illi wara li tigi ffirmata l-ittra l-Kunsill jidhol b'kollaborazzjoni ma' l-Ghaqda Piroteknika San Giljan biex tittella' din l-attivita' u jinghataw l-ammont ta' €151 biex ikopri parti mill-ispejjez involuti.

Rif. Nru. 1859

2.07 B'riferenza ghall-ittra minghand l-Ghaqda tal-Festa Madonna tal-Karmnu rigward il-Festa tal-Balluta gie deciz unanimament illi:-

- ✓ jinghataw 'No objection' biex juzaw l-area imsemmija dment li jinhargu l-permessi kollha mehtiega, u

- ✓ l-Kunsill jaghmel reklam ta' pagna shiha fuq il-ktejjeb ta' l-okkazzjoni li ser jinhareg mill-Ghaqda tal-Festa, ghall-ammont ta' €350.

Rif. Nru. 1869

2.08 B'riferenza ghall-Memo 28/2009 rigward skemi dwar *Enterprise Support Award* u *Green Challenge Award* gie deciz unanimament illi l-Kunsillier Edgar Montanaro jiehu din l-iskema f'idejh u sal-laqgha li jmiss jipprezenta l-proposti li jista' jaghmel il-Kunsill biex japplika ghal dawn l-iskemi. Fl-iskema tal *Green Challenge Award* il-Kunsill jixtieq li jigi nkluz it-trasport u l-bagi tal-lokalita'.

2.09 Ic-Chairman Peter Bonello gibed l-attenzjoni tal-Kunsill ghall-kundizzjoni li nghatat mill-MEPA lis-Sur Frank Vassallo fir-

rigward PA 05582/06. Is-Sur Vassallo gie mitlub jaghmel donazzjoni ta' ghaxar (10) sigriet lill-Kunsill Lokali San Giljan.

2.10 Wara diskussjoni qasira gie deciz unanimament illi dawn is-sigar jigu mhawwla fir-roundabout ta' Paceville (hdejn La Maltija Restaurant), il-Pjazza tal-Balluta u fi Gnien Saver Zarb.

2.11 Gie deciz unanimament li jsir avviz fil-gazzetta tal-gvern u "The Malta Independent" biex jingabbru offerti ghal xiri jew kiri ta' van zghir biex jintuza mill-Kunsill. F'kaz li jinkera van jekk huwiex possibbli li jsir il-logo tal-Kunsill.

2.12 Il-Perit Stephen Farrugia wasal fit-3.10pm.

2.13 Ic-Chairman Peter Bonello gibed l-attenzjoni ghall-Inc. 1730/09 rigward *Il-"Foreshore" f'Xatt il-Bahar fil-Bajja ta' Spinola hija propjeta' pubblika – wara protest ufficjali mill-Kunsilli Civiku ta' San Giljan mad-Direttur ta' l-Artijiet* u gie deciz unanimament illi l-Kunsillier Edgar Montanaro jiehu hsieb li jipubblika dan l-artiklu fuq il-gazzetti kollha ta' kuljum.

## 6 Progetti (tkomplija)

### *Gnien Saver Zarb*

6.01 Ic-Chairman ghamel riferenza ghas-sitwazzjoni tax-xogholijiet pendenti fir-rigward ir-railings ta' Gnien Saver Zarb. Il-Kunsill gie nfurmat mill-MP&DC illi wara li gie mitlub sabiex jigi ppreparat it-tender ghal dawn ix-xogholijiet irrizulta li r-rati tas-suq ghollew hafna, ghaldaqstant ser jigi avvicinat il-kuntrattur John G Cassar biex tigi rizolta din il-materja. Il-Perit ghandu jissottometti certifikat biex jikjarifika din is-sitwazzjoni sabiex ma jintilfux il-fondi tal-UIF fuq ir-railings.

6.02 Wara diskussjoni qasira gie deciz unanimament illi tigi accetta l-proposta tal-Perit Stephen Farrugia illi jsiru railings mad-dawra ta' fejn hemm il-playing equipment biss.

6.03 Il-Perit Stephen Farrugia nforma lill-Kunsill illi diga gew sottomessi l-pjanti ta' Gnien Dun Anton Sciberras, minhabba li

dawn gew 'misplaced' mill-MEPA, sabiex ikun jista' jinhareg il-Completion Report.

6.04 Rigward ix-xogholijiet ta' manutenzjoni li hemm bzonn fil-Gnien Dun Anton Sciberras, f'Ta' Giorni gie deciz unanimament li l-Kunsilliera Irene tavvicina lil-Saliba Electricians sabiex jaghti stima.

6.05 Fir-rigward id-Draft proposals tal-progett tal-Balluta u ta' Triq Mikielangelo Borg (Rif. Inc. 1892/09) gie deciz unanimament illi l-Perit Stephen Farrugia jinghata l-fakulta' flimkien mas-Sindku Peter Bonello biex jirraprezentaw lill-Kunsill meta l-MEPA tkun ser tiddiskuti dan il-progett u jekk ikun hemm il-bzonn li ghandha tittiehed xi decizjoni din tittiehed.

6.06 B'riferenza ghad-dokument (inc. 1892/09) A presentation to St. Julians Local Council 'Public Procurement Procedure Options' gie deciz unanimament li tintghazel option 2 u li jsir servey ta' l-art fejn gejja d-dar ghall-anzjani.

6.07 Is-Segretarju Ezekuttiv gibdet l-attenzjoni li ghandhom jigu osservati r-regolarmenti u l-proceduri finanzjarji.

6.08 Gie deciz unanimament li l-MP&DC jigi nfurmat illi kull appplikazzjoni li jaghmel ghandha tkun b'talba bil-miktub mill-Kunsill.

6.09 Il-Perit Stephen Farrugia gie skuzat fl-4.00p.m.

6.10 Ic-Chairman Peter Bonello talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jigu diskussi Materji ohra.

6.11 Ma kienx hemm oggezzjoni.

**9 Materji Ohra**

9.01 Ingibdet l-attenzjoni li l-boundary wall ta' l-iskola tal-Libjani, f'Ta' Giorni, qieghed fi stat perikoluz u kemm il-darba gie nfurmat id-Direttur ta' l-iskola biex jirrangah. Ghaldaqstant gie deciz unanimament illi minhabba l-periklu li fih il-Kunsill jitlob l-intervent tal-Ministeru ghall-Affarijiet Barranin.

9.02 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ssuggerixxa illi biex titnaqqas xi ftit il-problema tal-parking, fi Triq il-Palm, il-parking jibda jsir fuq in-naha l-ohra tat-triq minflok kif qieghed prezentament u jekk il-Kunsill jaqbel hu ser jinforma lir-residenti bil-miktub.

9.03 Ma kienx hemm oggezzjoni.

9.04 Il-Kunsill gie infurmat illi ser issir laqgha ma' l-Onorevoli Mario De Marco nhar l-Erbgha 27 ta' Mejju 2009 fl-10.00am fl-ufficcju tieghu l-Belt.

9.05 Ic-Chairman Peter Bonello ghalaq il-laqgha fl-4.00pm

| | |
|---|---|
| **Peter Bonello** | **Helen Walker** |
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |